MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Rikors Numru. 1/2009

**David Anthony Pollina (detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 31801A) bhala mandatarju specjali ta' Miqna Webkoor Limited, kumpannija estera registrata fir-Repubblika ta' Cipru bin-numru ta' registrazzjoni HE245926 u b'indirzz ta' 6 Avias Elenis Building, Office 43, 1060 Nicosia, Repubblika ta' Cipru**

**Vs**

**Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ta' David Anthony Pollina nomine permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (i) jiddikjara, in linja ta' revizjoni tal-posizzjoni ta' l-Awtorità intimata, li l-importazzjoni f'Malta tal-vettura ta' l-ghamla Peugeot 307 bin-numru tar-registrazzjoni BF55-OSO jew il-fatt li l-istess vettura tingieb Malta fuq bazi temporanja, fiz-zewg kazi ghal perijodu ta' aktar minn tletin gurnata u mhux b'intendiment li tigi wzata fuq bazi permanenti jew li fil-fatt tkun qed

tintuza b'dak il-mod, ma tikkomportax maghha l-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni; (ii) jornda lill-Awtorità intimata sabiex, f'kaz li tali vettura tingieb Malta ghal aktar minn tletin gurnata mhux bl-intendiment li tigi wzata fuq bazi permanenti jew b'mod li fil-fatt tkun qed tintuza b'dak il-mod, ma tezigix il-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni in konnessjoni ma' l-istess; (iii) jiddikjara lill-Awtorità intimata responsabbli ghad-danni sofferti mill-kupannija Miqna Webkoor Limited bhala rizultat ta' l-agir ta' l-istess Awtorità f'din il-kwistjoni; (iv) jillikwida, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, l-ammonti sofferti mill-imsemmija kumpannija in linja ta' danni bhala rizultat tal-agir ta' l-Awtorità intimata; (v) jordna l-hlas ta' dawk l-ammonti hekk likwidati favur il-kumpannija Miqna Webkoor Limited in linja ta' danni; (vi) jordna kwalunkwe provvediment iehor xieraq u opportun fic-cirkustanzi; bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-Awtorità intimata u bl-imghax skond kif ordnat minn dan it-Tribunal;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità intimata permezz ta' liema teccepixxi: (a) in linea preliminari n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal *rationae materiae* u dana peress li t-talba kif intavolata mir-rikorrenti nomine ma tinkwadrax ruhha taht l-Artikolu 40 ta' l-Att Dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta; u (b) li sussidjarjament u bla pregudizzu ghall-premess id-decizjoni mehuda minnha hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata. Ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti nomine ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-atti tal-kaz, fosthom id-dokumenti Doks. "A" sa' "E" annessi mar-Rikors promotur a fol. 4 sa' 9 tal-process;

Ra li l-partijiet kontendenti qablu li nonostante dak dispost fl-Artikoli 3 u 6 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jista' jghaddi ghad-decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni *rationae materiae* ta' dan it-Tribunal sollevata mill-Awtorità intimata;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar din l-eccezzjoni preliminari;

**Ikkonsidra:**

B'ittra datata 13 ta' Awissu 2009, Dok. "A" anness mar-Rikors promotur, ir-rikorrenti nomine talab lill-Awtorità intimata sabiex il-vettura ta' l-ghamla Peugeot 307 bin-numru tar-registrazzjoni BF55 OSO tigi registrata ma' l-Awtorità intimata minghajr però ma jigi impost il-hlas ta' taxxa tar-registrazzjoni fuqha, u dan a tenur ta' l-Artikolu 18(3) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta – *pursuant to the terms of Cap.368.18(3), this vehicle is exempt from payment of registration tax as it is owned by a company established in another E.U. state (Cyprus), and registered in another E.U. state (U.K.), and is being made available to me in my capacity as a director of same… We hereby certify that the above vehicle will not be in Malta on a permanent basis, as it will only be here for the length of my engagement with the local operations in Malta – presently expected to be 3 years. The vehicle will not be sold or disposed of in Malta. However, since it will be in Malta for periods of more than 30 consecutive days at a time, we request that it be registered with the ADT in Malta.*

L-Awtorità intimata rrispondiet ghal din it-talba permezz ta' ittra datata 1 ta' Settembru 2009, Dok. "B" anness mar-Rikors promotur, fejn gharrfet lir-rikorrenti nomine li *please note that the Motor Vehicle Registration Tax Act clearly stipulates that once the motor vehicle is to remain in Malta for more than thirty (30) consecutive days, then it will have to be registered with the Malta Transport Authority and registration tax paid thereupon.* Huwa evidenti ghalhekk li l-Awtorità intimata ma kenitx disposta tilqa' t-talba tar-rikorrenti nomine.

Ir-rikorrenti nomine istitwixxa l-proceduri odjerni ghaliex *l-posizzjoni ta' l-Awtorità intimata mhijiex konformi mal-ligi, u l-kumpannija rikorrenti qed tkun pregudikata inopportunatament fic-cirkostanzi*[1] u jitlob li dan it-Tribunal jirrevedi l-posizzjoni ta' l-Awtorità intimata fis-sens li jiddikjara li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-vettura ta' l-

[1] Rikors promotur, fol.2 tal-process.

ghamla Peugeot 307 bin-numru tar-registrazzjoni BF55 OSO ghandha tigi registrata ma’ l-Awtorità intimata minghajr però ma jigi impost il-hlas ta’ taxxa ta’ registrazzjoni fuqha, u konsegwentement jordna lill-istess Awtorità intimata li f’kaz li din il-vettura tingieb Malta ghal aktar minn tletin gurnata mhux b’intendiment li tigi wzata fuq bazi permanenti jew b’mod li fil-fatt tkun qed tintuza b’dak il-mod, ma tezigix hlas ta’ taxxa ta’ registrazzjoni fuqha. Oltre r-revizjoni tad-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata r-rikorrenti nomine jitlob ukoll li dan it-Tribunal jiddikjara lill-istess Awtorità responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjetà minnu rapprezentata b’rizultat ta’ l-agir ta’ l-Awtorità u konsegwentement jikkundanna lill-Awtorità thallas id-danni hekk sofferti mill-imsemmija socjetà.

In risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti nomine l-Awtorità intimata teccepixxi in linea preliminari n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni *rationae materiae* ta’ dan it-Tribunal stante li it-talbiet kif intavolati ma jinkwadrawx ruhhom taht l-Artikolu 40 ta’ l-Att Dwar l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta.

L-Att dwar l-Awtorità ghat-Traposrt f’Malta huwa l-Kap.499 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 40 ta’ dak l-Att jipprovdi li *t-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva imwaqqaf bl-artikolu 5 ta’ l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma’ u jiddeciedi: (a) appelli maghmulin minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b’decizjoni ta’ l-Awtorità li tichad milli taghti jew iggedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew licenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet, jew eskluzjonijiet f’licenza; u (b) appelli maghmulin minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b’xi piena amministrattiva jew ta’ xort’ ohra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità: Izda sakemm mhux preskritt bil-ligi, appell li jigi prezentat skont id-disposizzjonijiet ta’ dan is-Subartikolu lit-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva ghandu jigi prezentat fi zmien ghoxrin gurnata minn meta tkun giet ricevuta d-decizjoni ta’ l-Awtorità.*

Ir-rikorrenti nomine jikkontendi li l-Att Dwar l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta, Kap.499 tal-Ligijiet ta’ Malta, u d-disposizzjonijiet hemm kontenuti ma japplikawx ghall-kaz

in ezami ghaliex fiz-zmien meta inholqot il-kontestazzjoni bejn is-socjetà minnu rapprezentata u l-Awtorità intimata u fiz-zmien meta gew istitwiti l-proceduri odjerni, dak l-Att kien ghadu ma dahalx fis-sehh.

In sostenn tal-pretensjoni tieghu r-rikorrenti nomine esebixxa fotokopa ta' l-Avviz Legali 349 tal-2009, pubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta' l-4 ta' Dicembru 2009, minn fejn jirrizulta li giet stabbilita d-data ta' l-**1 ta' Jannar 2010** bhala id-data meta d-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-2009 dwar Awtorità ghat-Trasport f'Malta (Att Nru. XV ta' l-2009), jigifieri l-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta, kellhom jidhlu fis-sehh.
In vista ta' dak provdut fl-imsemmi Avviz Legali ma hemm ebda dubju li r-rikorrenti nomine huwa korrett f'li jikkontendi li l-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta u d-disposizzjonijiet hemm kontenuti ma japplikawx ghall-kaz in ezami. Madanakollu t-Tribunal hu tal-fehma li xorta wahda ghandu jindaga jekk it-talbiet tar-rikorrenti nomine kif impostati jaqghux taht il-gurisdizzjoni tieghu o meno. It-Tribunal hu fakoltizzat li jaghmel tali indagini in bazi ghall-principju ormai ferm assodat fis-sistema guridika nostrali li kwistjonijiet rigwardanti l-kompetenza jew gurisdizzjoni tal-Qrati, Bordijiet jew Tribunali specjali hi ta' ordni pubbliku u b'hekk jistghu jigu investigati *ex officio*[2].

Mir-Rikors promotur johrog car li r-rikorrenti nomine jibbaza l-pretensjoni tieghu li l-vettura ta' l-ghamla Peugeot 307 bin-numru tar-registrazzjoni BF55 OSO ghandha tigi registrata ma' l-Awtorità intimata minghajr ma jigi impost il-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuqha in bazi ghal dak provdut fil-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament fl-Artikolu 18(3) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi.

Il-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Legislazzjoni Sussidjarja relattiva, senjatament il-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 jipprovdu ghal diversi istanzi ta' appell minn persuna li

[2] Paul Borg et v. Jane Vassallo, Appell Civili Nru. 782/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Dicembru 2003; John Spiteri et v. Stephanie Spiteri pro et noe, Appell Civili 23/99 deciza mill-Bord Li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Dicembru 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003.

thoss ruhha aggravata b'decizjoni ta' l-Awtorità intimata jew tal-Ministru responsabbli ghat-Trasport, skond il-kaz, ghal quddiem dan it-Tribunal bhal, ad ezempju d-dritt ta' persuna li tkun hallset jew ghandha thallas taxxa fuq ir-registrazzjoni ta' vettura li tappella kontra l-ammont ta' taxxa li jigi impost ai termini ta' l-Artikolu 11A tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta jew id-dritt ta' persuna li tappella minn rifjut ta' esenzjoni ta' hlas ta' taxxa a tenur ta' l-Artikolu 19(3)(i) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta skond ir-Regolament 4(6) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. Madanakollu mill-istess Kapitolu tal-Ligi u Legislazzjoni Sussidjarja relattiva ma jirrizultax li hemm provdut ghal dritt ta' appell ghal quddiem dan it-Tribunal minn rifjut ta' l-Awtorità intimata li tqis vettura li tiddahhal f'Malta bhala vettura li ddahhlet f'Malta temporanejament ghall-finijiet ta' l-artikolu 18 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta[3].

Fiz-zmien meta inqalghet il-kwistjoni bejn is-socjetà rapprezentanta mir-rikorrenti u l-Awtorità intimata u fiz-zmien meta gew istitwiti dawn il-proceduri, l-Att li kien jirregola kwistjonijiet ta' trasport f'Malta kien l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku Kapitolu 332 tal-Ligijiet ta' Malta. In effetti dana l-Kapitolu tal-Ligi gie revokat fit-23 ta' April 2010 bis-sahha ta' l-Avviz Legali 230 ta' l-2010. Bis-sahha ta' l-Artikolu 31 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi gie kostitwit il-Bord ta' Appelli dwar it-Trasport li seta' jisma' u jiddetermina (a) *appelli maghmula minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b'decizjoni ta' l-Awtorità li tichad milli taghti jew iggedded, jew li tissosspendi jew li tirrevoka licenza, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew eskluzjonijiet f'licenza; u* (b) *appelli maghmula minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b'piena amministrattiva jew xort' ohra imposta fuq dik il-persuna.* Minn dan l-artikolu tal-Ligi però johrog car li r-rikorrenti nomine ma setghax iressaq il-kaz tieghu quddiem il-Bord ta' Appelli dwar it-Trasport ghaliex il-mertu hawn trattatat ma kienx di kompetenza ta' l-istess Bord.

[3] Id-disposizzjonijiet hawn imsemmija dahlu fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2009.

Ladarba r-rikorrenti nomine ma kellux dritt ghal rimedju taht il-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta’ Malta jew taht il-Kapitolu 332 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandu dan ifisser li ir-rikorrenti nomine ma kellu ebda forma ta’ rimedju fil-konfront ta’ l-Awtorità intimata? Certament illi le.

Fil-fehma ta’ dan it-Tribunal ir-rikorrenti nomine kellu wahda minn zewg alternattivi: jew li jistitwixxi proceduri ta’ revizjoni quddiem dan it-Tribunal a tenur tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta jew li jistitwixxi proceduri quddiem il-Qrati ta’ kompetenza civili a tenur ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Kap.490, li huwa l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, dahal fis-sehh fl-1 ta’ Jannar 2009 bis-sahha ta’ l-Avviz Legali 345 ta’ l-2008 u ghalhekk fiz-zmien meta inqalghet il-kwistjoni bejn ir-rikorrenti nomine u l-Awtorità intimata l-istess kien in vigore. Bis-sahha ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta inholoq dan it-Tribunal *bl-iskop li jkun jista’ jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull ligi ohra, u bl-iskop ta’ l-ezercizzju ta’ kull kompetenza ohra attribwita lit-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva b’din il-ligi, jew taht din il-ligi, jew xi ligi ohra, kemm qabel kemm wara li jidhol fis-sehh dan l-Att.* A tenur ta’ l-Artikolu 5(2) tal-Kap. 490 dan it-Tribunal ghandu l-kompetenza spcifika li jirrivedi atti amministrattivi u l-Artikolu 7 ta’ l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi jispecifika ulterjorment illi *t-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta’ l-amministrazzjoni pubblika* – li ai termini ta’ l-Artikolu 2 tal-Kap.490 tinkludi wkoll l-awtoritajiet lokali – *fuq punti ta’ ligi u ta’ fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qed jiehu konjizzjoni ta’ dik it-tilwima.*

Minkejja d-dhul fis-sehh tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta, baqa’ in vigore l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta – u dan kif jirrizulta kkonfermat mid-dibattiti parlamentari dwar l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva – li jipprovdi dwar il-gurisdizzjoni tal-Qrati tal-Gustizzja ta’ kompetenza Civili biex jistharrgu l-validità ta’ xi eghmil

amministrattiv – li jinkludi anke decizjonijiet ta’ awtoritajiet lokali dwar talba ta’ xi persuna – jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet specifikatament elenkati fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ta’ l-imsemmi artikolu tal-Ligi. Is-subartikolu (5) ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi ulterjorment illi *f’azzjoni li ssir bis-sahha ta’ dan l-artikolu, l-attur ikun jista’ jinkludi fit-talbiet tieghu talba ghall-hlas tad-danni li tkun imsejsa fuq ir-responsabbiltà allegata ta’ l-awtorità pubblika li tkun ghamlet delitt jew kwazi-delitt li johrog mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma ghandhomx jinghataw mill-qorti meta minkejja l-annullament ta’ l-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx agixxiet in mala fede jew b’mod mhux ragonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragonevolment giet michuda taht kull setgha ohra.*

Minn ezami ta’ l-Artikolu 5 u 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta u ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta jirrizulta immedjatament evidenti li ghad illi dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni u kompetenza li jirrivedi atti amministrattivi ta’ l-amministrazzjoni pubblika kemm fuq punti ta’ ligi kif ukoll fuq punti ta’ fatt, ma ghandux gurisdizzjoni u kompetenza li jittratta talbiet ghall-hlas ta’ danni stante li tali talba fil-kuntest ta’ proceduri ghar-revizjoni jew stharrig ta’ ghemil amministrattiv tista’ ssir biss fi proceduri istitwiti a tenur ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jaqghu taht il-gurisdizzjoni u kompetenza tal-Qrati ta’ kompetenza civili.

Meta l-kaz in ezami jigi kkunsidrat fid-dawl ta’ dan kollu appena osservat jirrizulta li: (i) bis-sahha tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta r-rikorrenti nomine ghandu dritt jfittex li jottjeni rimedju fil-konfront ta’ l-Awtorità intimata quddiem dan it-Tribunal; (ii) dan it-Tribunal huwa kompetenti li jittratta t-talbiet relattivi ghar-revizjoni tal-posizzjoni adottata mill-Awtorità intimata fl-ittra taghha ta’ l-1 ta’ Settembru 2009 in kwantu dawn jaqghu taht il-gurisdizzjoni tieghu; (iii) izda dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti li jittratta talbiet ghall-hlas ta’ danni in quanto tali talbiet jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati ta’

kompetenza civili a tenur ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

It-Tribunal ghalhekk huwa kompetenti li jittratta u jiddeciedi l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti nomine stante li dawn it-talbiet jaqghu taht il-gurisdizzjoni tieghu. Huwa wkoll kompetenti li jittratta u jiddeciedi is-sitt talba tar-rikorrenti nomine dejjem fil-parametri tal-kompetenza tieghu a tenur tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda ma huwiex kompetenti li jittratta u jiddeciedi it-tielet, raba’ u hames talbiet tar-rikorrenti nomine in kwantu dawn jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati ta’ kompetenza civili a tenur ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjoni preliminari ta’ l-Awtorità intimata in kwantu bbazata fuq Ligi li ma tapplikax ghall-proceduri in ezami, jiddikjara li dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni, u b’hekk hu kompetenti, jittratta l-ewwwel, it-tieni u sitt talbiet tar-rikorrenti nomine izda jiddikjara li ma ghandux gurisdizzjoni u b’hekk mhux kompetenti jittratta u jiddeciedi t-tielet, raba’ u hames talbiet tar-rikorrenti nomine.

L-ispejjez relattivi ghal din is-sentenza jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------